MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 129/2007

Victor u Helen konjugi Xerri rispettivament f'isimhom proprju u bhala legittimi rapprezentanti ta' uliedhom minuri Marlon, Catherine u Giovanna ahwa Xerri

Vs

Julian Sultana, Anglu u Josephine konjugi Sultana, Joseph Scerri u Kevin Camilleri

**Sewqan ta' mutur minn minuri – Responsabbilta' tal-genituri tas-sewwieq – Htija kontributorja tal-passiggier tal-mutur li liberament ghazel li jirkeb fuq il-mutur – Responsabbilta' ta' persuna, registrat bhala sid ta' mutur, li tippermetti l-uzu tal-mutur minn minuri.**

Rat ir-rikors prezentat mill-atturi fl-20 ta' Dicembru 2007 fejn ippremettew u talbu:

Fil-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (21.12.2006) fi triq Ghajn Xejba, limiti tax-Xaghra, Ghawdex sehh incident fatali li fih tilef hajtu Joseph Xerri, li jigi iben l-atturi Victor u Helen konjugi Xerri u hu l-imsemmija ahwa Xerri, atturi kif ukoll f'dawn il-proceduri.

Joseph Xerri miet bla testment, u allura wirtuh skond il-ligi l-atturi proprio et nomine.

Dakinhar Joseph Xerri kien fuq mutur li kien qieghed isuqu Julian Sultana. Dan il-mutur bil-pjanca ta' registrazzjoni ittri "F" "A", "U" numri 549 skond ma irrizulta mill-investigazzjonijiet jsejjah lill-konvenut l-iehor Kevin Camilleri.

B'hekk kif kien qieghed jinstaq dan il-mutur minn Julian Sultana, kien hemm impatt mal-vettura tat-tip Pajero bil-pjanca ta' registrazzjoni ittri "J" "O" "E" numri 921 misjuqa mill-konvenut l-iehor Joseph Scerri.

Il-konvenuti Anglu u Josephine konjugi Sultana huma l-genituri tal-konvenut Julian Sultana, il-persuna li kienet qeghda issuq il-mutur bil-pjanca ta' registrazzjoni FAU-549.

Il-mewt tragika ta' Joseph Xerri saret minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti, jew minn minnhom u dan kif ser jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Minhabba dan l-incident l-atturi soffrew danni u cioe hemm lucrum cessans u kemm damnum emergens.

Minkejja li l-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni kawzati minn dan l-incident permezz ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Settembru, 2007 (Ittra Ufficjali Numru 663/07) huma baqghu indampjenti.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-qorti sabiex :-

1. Tiddikjara illi l-mewt ta' Joseph Xerri sehh b'tort unikament tan-negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-konvenuti jew min minnhom.

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi.

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati.

Rat ir-risposta guramentata (fol. 15) prezentata fil-31 ta' Dicembru 2007 minn Julian Sultana fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.
2. Dan ghaliex l-esponenti ma jahti b'enda mod u manjiera ghas-sinistru illi wassal ghall-mewt ta' Joseph Xerri.
3. Illi l-esponenti jissottometti illi fil-kaz odjern ghandu japplika il-principju *"volenti non fit injuria"* ghal ragunijiet illi sejrin jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.
5. Illi b'riferenza ghall-paragrafi enumerati tar-rikors promotur, l-esponenti jiddikjara illi huwa jaqbel mal-ewwel, it-tieni u t-tielet u r-raba paragrafu; kif ukoll il-hames paragrafu; izda ma jaqbilx mas-sitta, u is-seba' paragrafu; mentri it-tmien paragrafu huwa korrett – imma l-esponenti kien gustifikat illi jirrifjuta illi jhallas xi danni lill-atturi ghal ragunijiet illi ser jirrizultaw f'aktar dettal fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Rat ir-risposta guramentata (fol. 18) prezentata fil-31 ta' Dicembru 2007 minn Anglu u Josephine konjugi Sultana fejn eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.
2. Dan ghaliex l-esponenti qatt ma awtorizzaw lil Jospeh Xerri u lanqas lil hadd iehor illi jsuq vetturi bla licenzja, u lanqas taw il-kunsens sabiex Joseph Xerri

xjentement jirkeb fuq vetturi misjuqa bla licenzja minn haddiehor.
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, imbaghad, l-esponenti jissottomettu illi ghandu japplika il-principju 'volenti non filt injuria' ghall-kaz odjern. Dan ghaliex, wara l-incident, irrizulta lill-esponenti illi il-mibki Joseph Xerri kien konxju mill-fatt illi l-mutur de quo kien jinsaq minn Julian Sultana, u kien huwa illi insista illi jmur jakkompanja, kif solitament kien jaghmel, lil Julian Sultana fis-sewqan tieghu.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.
5. Illi b'riferenza ghall-paragrafi enumerati tar-rikors promotur, l-esponenti jiddikjaraw illi huma jaqblu mal-ewwel, it-tieni u t-tielet u r-raba paragrafu; kif ukoll il-hames paragrafu; izda ma jaqbilx mas-sitta, u is-seba' paragrafu; mentri it-tmien paragrafu huwa korrett – imma l-esponenti kienu gustifikati illi jirrifjutaw illi jhallsu xi danni lill-atturi ghal ragunijiet illi ser jirrizultaw f'aktar dettal fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Rat ir-risposta guramentata (fol. 21) prezentata fil-31 ta' Dicembru 2007 li permezz taghha Kevin Camilleri eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu dawn huma diretti fil-konfront ta' l-eccipjenti, u dan peress li huwa ma kienx qed isuq il-vettura in kwistjoni waqt il-hin ta' l-incident, ma kellu ebda responsabbilita' ghall-akkadut u ma kkawza ebda danni lill-atturi. Ghalhekk huwa m'huwiex legittimu kontradittur fil-kawza.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz, fl-eventwalita' biss li l-Qorti ssib htija m'hemmx lok ghall-kundanna *in solidum* ta' l-esponenti mal-konventi l-ohra;
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz, l-eccipjenti qieghed jikkontesta d-danni li l-atturi qeghdin jallegaw li sofrew.

Rat ir-risposta guramentata (fol. 24) prezentat fit-8 ta' Jannar 2008 minn Joseph Scerri:-

1. Illi d-domandi attrici fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

2. Illi ghall-incident mertu ta’ din il-kawza ma jahtix l-eccipjenti Joseph Scerri peress illi l-esponenti kien qed issuq il-vettura tieghu bi speed entro l-limitu li tippermetti l-ligi fil-karreggjata tieghu u kien il-mutur misjuq minn Julian Sultana illi kien qed jinsaq bi speed eccessiv fuq il-karreggjata l-hazina tat-triq u dahal fil-vettura tal-esponenti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kawza tittratta incident tat-traffiku li sehh fil-21 ta’ Dicembru 2006 fi Triq Ghajn Xejba, limiti tax-Xaghra. F’dan l-incident kienu nvoluti vettura misjuqa minn Joseph Scerri (Pajero numru JOE 921) u mutur Yamaha DT numru FAU549. Fuq il-mutur kien hemm Julian Sultana u Joseph Xerri. Fis-27 ta’ Dicembru 2006 miet Joseph Xerri, iben l-atturi Victor u Helen konjugi Xerri u hu l-atturi l-ohra, b’rizultat tal-griehi li sora fl-imsemmi incident. Il-kawza tal-mewt kienet *fractured skull* (fol. 109).

2. Il-qorti kellha l-opportunita tisma’ provi *viva voce* u m’ghandha l-ebda dubju li:-

a. Il-mutur kien qieghed isuqu l-konvenut Julian Sultana, li fid-data tal-incident kien ghadu minorenni, filwaqt li l-vittma kien riekeb passiggier. Fir-risposta guramentata li pprezenta fil-31 ta’ Dicembru 2007 (fol. 15), iddikjara li jaqbel mat-tielet paragrafu tar-rikors guramentat tal-atturi. F’dan il-paragrafu l-atturi ppremettew li l-mutur kien qieghed isuqu Julian Sultana. Mela f’dak l-istadju kellna ammissjoni ta’ Julian Sultana li hu kien qieghed isuq il-mutur. Dan minkejja li fin-nota ta’ sottomissjonijiet (fol. 271) il-konvenuti jargumentaw li *“.....ma giex soddisfacentement ipprovat min kien qieghed isuq il-mutur meta sehh l-incident, u jista’ jaghti l-kaz illi l-mutur kien qieghed jinstaq mill-vittma meta sehh l-incident.”*. Rilevanti wkoll hi:-

• l-verzjoni li nghatat minn Julian Sultana lil PS 1377 Emanuel Cilia li tkellem mieghu fil-5 ta' Jannar 2007 (fol. 108): *"Qal li rigward il-habta ma jaf xejn u li jaf biss huwa li l-hin kien wara nofsinhar, huwa qal ukoll li dak il-hin fuq il-mutur kien wahdu u cioe kien qieghed jigi misjuq minnu u li kien izommu barra fejn ir-residenza tal-genituri tieghu."* (fol. 108). Fir-rapport jinghad ukoll li: *"Emanuel Cilia fuq il-post ta' l-incident kellem lil Anglu Sultana, missier Julian Sultana, tel. 79560525. Fejn qal li l-mutur kien fil-garage tieghu u t-tifel tieghu hadu minn hemm."* (fol. 109)[1].

• Meta gie intervistat mill-avukat Dr Joseph Grech fil-21 ta' Dicembru 2006 qal li l-mutur involut fl-incident kien tieghu u li kien xtrah minn Ghajnsielem xi xahar qabel; *"Mistoqsi **nghid illi l-mutur tieghi kont nuzah jien biss** u dan peress illi l-mutur kien tieghi."* (enfazi tal-qorti - fol. 98).

• Il-konvenut Kevin Camilleri kkonferma li kien ra lil Julian Sultana jsuq il-mutur. Mark Fiteni[2] spjega kif dakinhar tal-incident kien hdejn il-konvenut u l-vittma qabel ma telqu bil-mutur minn garaxx li hemm fix-Xaghra. Qal ukoll li l-mutur saqu l-konvenut Julian Sultana. Xhud iehor kien Joseph Vella[3] li ra lill-konvenut u l-vittma ftit hin qabel sehh l-incident; *"Dak inhar li sehh l-incident rajthom fuq mutur. **Il-mutur kien qieghed isuqu Julian Sultana.**"*.

• Il-mutur involut f'dan l-incident kien ta' Julian Sultana. Peress li kien ghadu minorenni u l-bejjiegh insista li mal-bejgh isir it-trasferiment tar-registrazzjoni, it-transfer sar f'isem Kevin Camilleri, li kien maggorenni. B'hekk seta' jsir in-negozju.

b. Mill-provi rrizulta bl-iktar mod car li l-mutur kien qieghed jinstaq b'velocita eccessiva hafna, u li kieku ma kienx ghal dan il-fattur l-incident ma kienx isehh. L-impatt

---

[1] Ara wkoll xhieda tas-surgent li nghatat fid-29 ta' Ottubru 2008.
[2] Seduta tad-29 ta' Ottubru 2008.
[3] Seduta tad-29 ta' Ottubru 2009 (fol. 205).

kien wiehed vjolenti, tant li tista' tghid ma baqa' xejn intatt mill-mutur (ara ritratti prezentati minn Max Xuereb a fol. 225 markati MX51-MX55). Il-pjanta li ghamel il-perit Guido Vella[4] (fol. 70) ta' dak li sab fuq il-post hi prova ohra kemm l-impatt kien vjolenti[5]. L-avukat Dr Joseph Grech li nghata inkarigu mill-Magistrat Inkwirenti, mar fuq il-post u rrelata:-

*"il-mutur kien bazikament iddisintegra ruhu bl-impatt. Partijiet tal-mutur bhal petrol tank kienu jinsabu mferrxa matul it-triq li fiha sar l-incident. Kien evidenti hafna li l-impatt kien wiehed vjolenti hafna tant li c–chassis tal-mutur kien jinsab aktar 'l isfel fl-ghalqa magenb it-triq. Ir-rota ta' wara tal-mutur ukoll inqalghet u kienet ghadha tinsab fit-triq u mhux fejn il-bqija tal-mutur."* (fol. 78).

Il-qorti m'ghandix dubju li dan l-incident kien biss frott ta' qziez li ssarrfet fil-mewt ta' zghazugh ta' 17 il-sena. Sewwieq ghandu *duty of care* ghall-passiggier li jkun riekeb mieghu[6]. Is-sewqan b'velocita' eccessiva wassal biex Julian Sultana tilef il-kontroll tal-mutur hekk kif hareg minn liwja u baqa' diehel fir-rota ta' quddiem (in-naha tax-xufier) tal-vettura Pajero numru JOE921. Sultana gialadarba ghazel volontarjament li jikser il-ligi u jsuq mutur meta kien ghadu taht l-eta, xorta kellu l-obbligu li jsuq sew b'mod li ma jkunx ta' periklu ghalih u ghal haddiehor. Mill-provi *viva voce* rrizulta bl-iktar mod car li Sultana kien ilu zmien twil isuq il-muturi, ghalkemm fid-data tal-incident kien ghad ghandu 17 il-sena[7]. Jirrizulta wkoll li kellu dimestikezza u kunfidenza mal-muturi. Joseph Vella qal: *"Apparti d-DT 175 lil Julian rajtu jsuq muturi ohra. Rajtu jsuq Suzuki 100 u zewg muturi Suzuki 125ER. Il-muturi ER huma ukoll scramblers."* (fol. 205). Missieru ddeskriva lill-ibnu bhala "iffissat" fil-muturi minn meta kien tifel (fol. 152).

---

[4] Inghata inkarigu mill-Magistrat Inkwirenti.

[5] Il-bicciet tal-mutur jidhru mxerdin mat-triq u fl-ghelieqi u dan ghal distanza mhux zghira.

[6] *"Further, a motorist owes a duty of care to the passenger he is carrying, despite the fact that they are participating in a joint illegal venture, such as the commission of a driving offence."* (*Charlesworth & Percy on Negligence*, R.A. Percy, Tmien Edizzjoni, Sweet & Maxwell, 2-40).

[7] Data tat-twelid 3 ta' April 1989 (fol. 107).

c. Il-konvenut Joseph Scerri (xufier tal-vettura Pajero) ma kellux htija ghall-incident. L-atturi qalu li: *"Ghar-rigward tal-konvenut Joseph Scerri l-atturi jissottomettu ukoll illi huwa kien responsabbli ghal dan l-incident ghalkemm forsi fi grad inqas."* (fol. 243). Pero' ma ghamlu l-ebda riferenza ghal dawk il-provi li fil-fehma taghhom jaghtu prova tal-htija ta' dan il-konvenut. F'dan il-kuntest hi rilevanti x-xhieda li nghatat minn Victor Muscat li kien qieghed isuq wara l-vettura Pajero. Minn imkien ma jirrizulta li qabel l-impatt il-vettura kienet qeghda tinstaq fil-karreggjata rizervata ghall-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta cjoe' dawk nezlin mix-Xaghra. Mill-access li l-qorti ghamlet fil-post fejn sehh l-incident hu wkoll evidenti li mument qabel sehh l-impatt il-mutur hareg minn liwja filwaqt li l-Pajero kienet ghaddejja minn parti tat-triq li hi dritta. Ix-xhud spjega: *"Nikkonferma wkoll li minn x'hin inqala' l-Pajero mill-posizzjoni wieqfa li kien sakemm sehhet din l-ispluzjoni, li ddiskrivejt jiena, fl-ebda hin ma rajt il-Pajero jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq."* (fol. 117). Fil-fehma tal-qorti m'hemmx provi li l-konvenut Scerri kellu xi responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza. Il-fatt li kif sehh l-impatt bejn il-mutur u l-Pajero, il-vettura qasmet ghan-naha l-ohra tat-triq m'hijiex xi prova ta' nuqqas ta' prudenza fis-sewqan ta' dan il-konvenut. L-impatt kien wiehed vjolenti fuq in-naha tax-xufier tal-Pajero; *"F'daqqa wahda jiena rajt quddiemi affarijiet itiru fl-arja. Kienet bhal spluzzjoni ghalija. Kull ma rajt jien affarijiet itiru. Dawn l-affarijiet gew in-naha tieghi. Meta jiena rajt din li qighed niddiskriviha bhala spluzzjoni, il-Pajero kienet ghadha fil-linja, jigifieri fuq is-side taghha."* (Victor Muscat – fol. 116). Sahansitra nkisret il-windscreen tal-Pajero. Il-qorti tifhem li kien b'rizultat ta' dawn ic-cirkostanzi partikolari li Joseph Scerri tilef il-kontroll tal-vettura u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq. Gialadarba l-qorti qeghda tikkonkludi li Joseph Scerri m'ghandux htija ghall-incident, m'hemmx lok li tqies l-argumenti l-ohra li ressaq fin-nota ta' sottomissjonijiet.

3. Ghal dik li hi responsabbilta' tal-genituri ta' Sultana, l-Artikolu 1034 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"Kull min jiehu hsieb ta' wiehed minuri jew ta' mignun, hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri jew il-mignun meta huwa ma jkunx ha l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix."*[8].

Il-qorti m'ghandix dubju li l-konvenuti konjugi Sultana ghandhom responsabbilta'. Julian Sultana kien ilu zmien twil isuq il-muturi. Il-genituri ghandhom mhux biss responsabbilta' li jharsu lil uliedhom izda wkoll li jedukawhom. Fil-kaz tal-konjugi Sultana hu evidenti li ma edukawx lil binhom li ma ghandux isuq vetturi qabel jaghlaq 18 il-sena u jkollu licenzja tas-sewqan. Il-genituri ghandhom l-obbligu li jedukaw lill-ulied (Artikolu 7 tal-Kodici Civili), b'mod li jiffurmaw personalita' ekwilibrata, li taghraf ir-razjonalita' tal-ezistenza taghha u tal-protezzjoni tal-persuna taghha u dik ta' haddiehor minn atti illeciti volontarji. Din hi l-bazi tat-trobbija. L-edukazzjoni m'hijiex maghmula biss mill-paroli, *"...... ma anche e sopratutto di comportamenti e di presenza accanto ai figli, a fronte di circostanze che essi possono non essere in grado di capire o di affrontare equilibramente."* (sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana numru 18804/2009 tat-28 ta' Awwissu 2009. Il-kaz kien jittratta r-responsabbilta ghad-danni tal-genituri wara li t-tifel taghhom (kwazi maggorenni) qatel omosesswali). Il-messagg hu car, **inqas priedki u li l-genituri jkunu ta' ezempju b'komportament konkret**.

Jirrizulta wkoll li Julian Sultana ighix mal-genituri tieghu. Certament li dan m'huwiex kaz fejn il-genituri jistghu forsi jipprovaw jargumentaw li m'ghandhomx responsabbilta ghaliex it-tifel telaq mid-dar, u li ghalhekk ma kienx possibbli ghalihom li jwettqu kontroll fuqu. Tant ghal Sultana kienet haga normali li jsuq il-muturi, li kien hemm okkazzjoni qabel sehh l-incident meta twaqqaf minn pulizija li nzerta qieghed jaghmel patrol[9] u rah jsuq il-mutur; *"Jien ghidtlu, 'Halli l-mutur f'postu u tilaq lura lejn id-dar.'. Sultana obda l-ordni tieghi. Jiena ma hadtlux ic-cavetta, pero' l-mutur hallih fuq il-post."* (fol. 201).

[8] Dwar dan il-provvediment ara sentenza ta' din il-qorti kif presjeduta fl-**ismijiet Joseph Borg vs Peter Paul Grech proprio et nomine** deciza fil-25 ta' Jannar 2009.
[9] PC461 George Sultana.

Madankollu jidher li Julian Sultana ma bezax li jerga' jinqabad u baqa' jaghmel fattih. Il-qorti hi wkoll tal-fehma li l-konvenuti Sultana kienu tolleranti zzejjed u naqsu milli jiehdu azzjoni ghalkemm kienu jafu li binhom qieghed isuq il-muturi. Sahansitra ammettew li kien hemm drabi li nzertaw lil binhom isuq il-mutur. Hekk per ezempju fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2008 Angelo Sultana xehed:***".....lit-tifel tieghi jiena rajtu jsuq muturi."*** (fol. 152) u kien hemm drabi meta rah isuq ***"...bi speed qawwi. Jiena rrabjajt mieghu."*** (fol. 152). Min-naha taghha Josephine Sultana[10] xehedet: *"Jiena gieli rajt lit-tifel tieghi jsuq mutur. It-tifel kien jghid li hu tal-hbieb."* (fol. 156). Qalet ukoll li *"Lili hadd qatt ma qalli mill-girien li raw lil ibni jsuq il-mutur. Naf, pero', li qalu lir-ragel tieghi. Dan nafu ghax qalli zewgi."* (fol. 156). Angelo Sultana qal ukoll li t-tifel kien ighidlu li l-mutur hu ta' habib, "....*pero' ma kienx isemmili x'jismu l-habib tieghu."* (fol. 152). Li l-genitur jirrabja jew li jkellem lit-tifel m'huwiex bizzejjed. Jekk l-affarijiet graw bil-mod li rrakontaw il-konjugi Sultana, ma jirrizultax li hadu passi konkreti sabiex jistabbilixxu min kien qieghed jaghti l-mutur lit-tifel taghhom u jikkontrollaw il-passi ta' binhom. Sahansitra Angelo Sultana xehed ukoll li f'okkazzjoni minnhom it-tifel kien qallu li ser jixtri mutur; *"Niftakar li jena kont ghajjat mieghu hafna u ghedtlu li ma kien sejjer jixtri xejn ghax kien ghadu taht l-eta'. Julian kien innervja u telaq mid-dar. Dak il-lejl fil-fatt lanqas ma kien irritorna d-dar biex jorqod."* (fol. 164). Minn kliem bhal dan il-qorti tifhem li Sultana kien jaghmel li jfettillu minghajr kontroll tal-genituri, li jidher li kienu leggeri bil-mod kif ittrattaw il-problema li binhom isuq il-muturi.

Min-naha l-ohra qalu li ma kienux jafu li t-tifel kellu l-mutur tieghu u kien ighidilhom li l-mutur hu ta' siehbu. Il-qorti tistqarr li m'hijiex konvinta minn din id-dikjarazzjoni. F'dan il-kuntest hi rilevanti dak li qal Angelo Sultana lil PS1377 Emanuel Cilia li:- ***"....l-mutur kien fil-garage tieghu u t-tifel tieghu hadu minn hemm."*** (fol. 109). Imkien ma jinghad li qal lill-pulizija li ma kienx jaf li ibnu ghandu mutur jew li ma kienx jaf li ibnu jsuq mutur. Meta l-pulizija kellmu lil Julian Sultana, qal li l-mutur *"Kien izommu barra* ***fejn ir-***

[10] Seduta tad-9 ta' Lulju 2008 (fol. 156).

***residenza tal-genituri tieghu.*”** (fol. 108). Fl-ebda stadju ma gie kontestata din id-dikjarazzjoni. F’kull kaz jekk verament ma kienux jafu jkompli jikkonfermaw kemm ma kienux attenti ghal dak li qieghed jigri, in kwantu mill-provi rrizulta li l-mutur involut fl-incident kien ukoll ikun fil-garaxx biswit id-dar matrimonjali tal-konvenuti Sultana (ara xhieda ta’ Joseph Vella[11] – fol. 205). F’dan il-kuntest hi rilevanti s-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili[12] fil-kawza **Jerome Pace vs Paul Muscat proprio et nomine** deciza fis-16 ta’ Gunju 2003:

*“Minn dan, imbaghad, titnissel riflessjoni ohra wkoll. Jekk il-konvenut kien konxju tal-fatt illi ibnu kien qed jabbuza u jsuq kellu certament xjenza wkoll illi dan ibnu kien qed isuq meta ma kienx regolarment munit b’licenzja tas-sewqan u allura wkoll mhux kopert b’polza ta’ assikurazzjoni. Dan hu sahansitra desumibbli minn diskorsu stess fl-okkazjoni ta’ meta kien gharraf lill-attur li ibnu kien bla licenzja (fol. 117).* ***Meta dan hu hekk il-kaz jigi li hu ppermetta, jew ghallanqas ma impediex, li tinsaq vettura minn persuna mhix licenzjata. F’kaz bhal dan hu jigi meqjus responsabbli solidalment ghad-danni derivanti mill-incident, b’mod li min isofri l-hsara ghandu dritt idur ghal hlas anke fil-konfront tieghu.*”**.

Ghalkemm Sultana kien ser isir maggorenni f’April 2007, dan il-fatt mhu tal-ebda rilevanza u ma jnaqqasx ir-responsabbilta’ tal-genituri. Tant hu hekk li l-Artikolu 1034 ma jaghmel l-ebda distinzjoni fl-eta’ tal-minorenni.

4. Il-konvenuti Sultana ressqu wkoll id-difiza li m’ghandhom l-ebda responsabbilta’ ghad-danni minnhabba li dan hu kaz ta’ *volenti non fit injuria*. Il-qorti ma taqbilx. Din ir-regola teskludi r-responsabbilta’.

Ghalkemm m’hemmx dubju li l-vittma rikeb b’mod volontarju fuq il-mutur li kien involut fl-incident, b’daqshekk

[11] Seduta tad-29 ta’ Ottubru 2008.
[12] Imhallef P. Sciberras.

ma jfissirx li sar xi ftehim bejn Julian Sultana u l-vittma li jekk jigri xi haga Xerri kien qieghed jiehu r-riskju fuqu ghal kwalsiasi telf li jista' jsofri. Fil-kawza ingliza **Morris vs Murray** (1991)[13] gie spjegat il-principju:-

*".... in order to defeat an otherwise valid claim on the basis that the plaintiff was volens the defendant must establish that the plaintiff at the material time knew the nature and extent of the risk and voluntarily agreed to absolve the defendant from the consequences of it by consenting to the lack of reasonable care that might produce the risk.* ***It is common ground and long establised that knowledge of the risk is not sufficient but there must also be consent to bear the consequences of it.***"[14].

Fil-kuntest lokali hi rilevanti s-sentenza tal-Qorti tal-Appell[15] fil-kawza: **Franco Spiteri vs Joseph Cucciardi et** deciza fis-27 ta' Frar 2009 li wkoll ittrattat din id-difiza:-

*"......ghas-sostenn tad-difiza, tal-"volenti non fit injuria" mill-prova inkombenti fuq l-appellanti illi l-attur "had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run" u li "the circumstances are such to show that in incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person" (**Charlesworth**, "**Law of Negligence**" pagna 498, kif citat fis-sentenza fl-ismijiet "**Paul Vassallo et -vs- Carmelo Pace**", Appell Civili, 5 ta' Marzu, 1986). Skond l-imsemmi awtur **iz-zewg aspetti fokali insiti fil-massima jridu jikkoincidu flimkien biex jiddizintitolaw lill-attur milli jirkupra d-danni.**"* (enfazi mizjuda)[16].

Biex jigi applikat dan il-principju m'huwiex bizzejjed li l-vittma tkun taf li jezisti riskju li ssofri hsara, jew il-volonta' taghha li tiehu tali riskju. Irid jirrizulta ftehim (espress jew

---

[13] *The Modern Law of Negligence*, R.A. Buckley (Tieni Edizzjoni, Butterworths 1993) pagna 61.

[14] Fl-Ingilterra permezz tar-Road Traffic Act tal-1988 dan il-principju tnehha minn incidenti tat-traffiku li fihom passiggier isofri griehi (Artikolu 149).

[15] Imhallef P. Sciberras.

[16] Ara wkoll sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef D Scicluna) fil-kawza **Annunziata Caruana vs Odette Camilleri** deciza fit-13 ta' Frar 2001.

implicitu) li min isofri l-hsara ser jirrinunzja ghal kull pretenzjoni ghall-hsara li ssofri minhabba n-negligenza tal-parti l-ohra. Il-fatt li l-vittma minn jeddu rikeb bhala passiggier fuq il-mutur ma jfissirx li kien jezisti xi ftehim ma' Sultana li jekk ikollhom xi incident Joseph Xerri kien ser jaghmel tajjeb ghat-telf kollu li jgarrab.

Id-difiza ta' *volenti non fit injuria* hi differenti minn dik ta' htija kontributorja ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Sultana jidhru li qeghdin jittrattawhom bhala l-istess principju, li m'humiex. Lord Denning spjega dan il-principju fil-kawza **Davies**:

*"It has sometimes been suggested that an injured plaintiff is not guilty of contributory negligence unless he is under a duty of care towards the defendant...... In my opinion, it is not a correct approach.* ***When a man steps into the road he owes a duty to himself to take care for his own safety, but he does not owe to a motorist who is going at an excessive speed any duty to avoid being run down. Nevertheless, if he does not keep a good lookout, he is guilty of contributory negligence.*** *The real question is not whether the plaintiff was neglecting some legal duty, but whether he was acting as a responsible man and with reasonable care……"*[17] (enfazi mizjuda).

Fil-fehma tal-qorti l-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili li jittratta l-htija kontributorja jipprovdi li din issehh *"Jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb* ***ikkontribwiet jew tat okkazzjoni ghall-hsara****......."*. Fil-fehma tal-qorti dan il-kliem juri li jista' jkollok kaz li ghalkemm vittma ma tkunx hatja tal-incident, il-qorti xorta tista' ssib li l-vittma ghandha htija fil-kawza tad-danni. Dan ifisser li ghal finijiet ta' htija kontributorja m'huwiex bizzejjed li l-qorti tillimita l-indagni sabiex tistabbilixxi min mill-partijiet ipprovoka s-sinistru, cjoe' l-kollizjoni. Trid issir indagni wkoll fuq il-kawza tad-danni li sofra l-vittma. Jista' jkollok riduzzjoni fejn per ezempju l-

[17] *Cases & Commentary on Tort*, B. Harvey u J Marston (Pitman Publishing, 1994) pagna 146.

vittma naqas milli jilbes crash helmet, jew kien minghajr seat belt, jew jirkeb ma' persuna li jaf li qeghda ssuq that l-effett ta' kwantita sostanzjali ta' alkohol, jew jirkeb f'karrozza li jaf li hi difettuza. Certament ma tezistix xi regola fissa ghal kazijiet u l-qorti trid tiddeciedi skond ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

Issir riferenza ohra ghall-insenjament ta' Lord Denning fil-kawza **Broom et vs Butcher** (1975):

*"Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others.* ***Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself.****"* (enfazi mizjuda).

Il-qorti temmen li l-vittma kien jaf li Sultana jitkessah fis-sewqan u jsuq b'mod perikoluz, apparti li ma kellux licenzja tas-sewqan u taht l-eta'. Dawn kienu zewg zghazagh mill-istess rahal li jqattghu hafna hin flimkien. Mill-provi rrizulta li l-vittma stess kien ukoll isuq scooter tat-tat-tip Yamaha 80cc, minkejja li kien ghad ghandu 17 il-sena. Hekk per ezempju Anthony Sultana kkonferma li kien jirkeb mal-vittma fuq dan il-mutur. Fir-rigward tal-kwalita tas-sewqan ta' Sultana:-

- **Michael Scerri** (hu x-xufier tal-Pajero) qal: *"Jiena lil Julian dejjem kont nghidlu suq bil-mod. Jiena nikkonferma li kont nghidlu hekk lil Julian ghaliex kien* ***minn fejn jghaddi jkun niezel ivenven****. Dan ifisser ikun qed isuq b'velocita' qawwija...... Ix-Xaghra kollha kienet tghid kemm kienu jsuqu b'velocita' qawwija. Kulhadd kien igerger...... Lil Julian kont nghidlu, suq bil-mod Julian."* (fol. 129).
- **Anthony Sultana**: *"Nikkonferma illi Julian Sultana kien isuq b'mod illi jkun ghaddej bi speed. Julian kellu mutur kbir. Kont tinnutah ghaddej mit-triq. Kien jigri mhux hazin."* (fol. 229).

- **Mark Fiteni:** *"Qed nigi mistoqsi mill-Qorti jekk meta jiena kont nara lil Julian Sultana jsuq il-mutur kienx ikun ghaddej sparat mit-toroq, inwiegeb iva. Mistoqsi mill-Qorti jekk dakinhar meta telqu minn hdejn il-garaxx ta' Bertu Galea telqux bl-ghaggla, nispjega illi iva telqu bl-ghaggla."* (fol. 198).

Mill-provi li tressqu l-qorti fehemet li Sultana ma kienx kapaci jsuq fil-parametri tal-velocita' regolametari. Jidher li Sultana kien jahseb li qieghed isuq f'xi korsa tat-titlaq, u l-istil ta' sewqan tieghu kien aggressiv. M'hemmx dubju li l-vittma bl-ebda mod ma kkontribwixxa biex sehh l-incident tat-traffiku in kwantu hu kien passiggier fuq il-mutur. Pero' jrid jigi ammess li meta rikeb il-mutur, konsapevolment pogga lilu nnifsu f'periklu potenzjali li seta' facilment jevita billi jirrifjuta li jirkeb bhala passiggier fuq mutur li jkun qieghed isuq Sultana; *"Another type of case in which a claimant may have his damages reduced for contributory negligence, despite his not having contributed in an immediate sense to the causing of the accident itself, occurs where he has knowingly placed himself in an avoidable situation of potential danger."*[18]. Hu l-vittma, Marlon Xerri, qal: *"Lil ommi u lill-papa' gieli smajthom jghidu lil hija li ma jriduhx ikun mal-guvintur. Kienu jghidulu, tmurx hdejn dawk iz-zaghzagh ghaliex tispicca jwegghawk."* (fol. 126). Ma jistax ikun li Xerri, li rrizulta li kien iqatta' hafna hin ma' Sultana, ma kienx jaf li siehbu kien is-suq b'dan il-mod. Hu minnu li l-fatt li passiggier ikun jaf li x-xufier ghandu tendenza li jsuq b'velocita gholja ma jfissirx li f'dik id-darba li jirkeb mieghu kien ser isuq ukoll b'velocita iktar minn dik regolamentari. Madankollu, maghrufa t-tendenzi ta' Sultana u iktar u iktar meta si tratta minn mutur, il-vittma kellu jipprevedi l-periklu u li Sultana ma setax jafdah. Il-fatt li l-vittma kien ghad ghandu biss 17 il-sena ma jfissirx li ma kellux l-gharfien li kien qieghed jaghmel hazin meta rikeb il-mutur ma' persuna li ma kellix konsiderazzjoni ghall-ligijiet tat-traffiku. Dan apparti li ta' dik l-eta' r-raguni tghidlek li l-persuna hi mistennija li tiehu dawk il-prekawzjonijiet minimi li huma mehtiega ghas-sigurta' taghha. Ghal dak li hu proporzjon ta' htija kontributorja tal-vittma l-qorti ser

[18] *Buckley, The Law of Negligence*, Richard A. Buckley (Butterworths, 2005) pagna 444.

tiffissa biss rata ta' 5% in kwantu hi konvinta li ghalkemm Xerri kien konsapevoli tar-riskju li qieghed jiehu meta rikeb fuq il-mutur, jibqa' l-fatt li kien Sultana li kellu l-kontroll assolut tal-mutur meta ma kellux licenzja ta' sewqan u njora ghal kollox ir-regolamenti tat-traffiku. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li kull persuna hi gustifikata li tahseb li t-terz ser jadopera d-diligenza u l-prekawzjonijiet mehtiega biex jigi evitat id-dannu. Sultana seta' facilment jevita d-dannu bl-ezercizzju ta' kura ordinarja. Xufier, li wahdu jikkontrolla l-vettura u ghalhekk qeghda fih li waqt li jkun qieghed isuq b'mod perikoluz jaghmel hafna hsara, ghandu jgorr fuq spallejh hafna iktar responsabbilta. Kif rajna l-velocita' eccessiva kien **l-elementi determinanti** li wassal ghal dan l-incident, li fih guvni ta' 17 il-sena tilef hajtu kapriccjozament.

Fir-rigward tan-negligenza kontributorja l-qorti hi tal-fehma li ghandha tillimita ruhha in kwantu din tirreferi ghall-vittma, mehud in konsiderazzjoni li l-konvenuti li ser jigu kundannati (Sultana u Camilleri) permezz ta' din is-sentenza llimitaw ruhhom biex jargumentaw li kien hemm htija min-naha tal-vittma.

5. L-atturi jippretendu wkoll li Kevin Camilleri ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni. Irrizulta li Camilleri instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali[19] talli ppermetta lil Sultana jsuq il-mutur minghajr licenzja tas-sewqan u meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni, wara li ammetta ghall-akkuzi. M'hemmx dubju li ghall-incident tat-traffiku *per se* dan il-konvenut ma kienx jahti minkejja li l-agir tieghu kien illecitu. Inoltre, mhux kull min isuq minghajr licenzja ma jafx isuq. Il-mutur Yamaha DT175 xtrah Sultana ghalkemm gie registrat f'isem Camilleri peress li Sultana kien ghadu taht l-eta'.

Fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Micallef et nomine vs Joseph Busuttil et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

[19] Sentenza li nghatat fid-29 ta' Novembru 2007.

fit-2 ta’ Ottubru 2002[20], il-konvenut Busuttil kien ippermetta tifel taht l-eta’ sabiex isuq il-vettura tieghu. Il-qorti kkonkludiet li Busuttil kien responsabbli ghad-danni ghaliex kien ippermetta lill-minuri jsuq il-karrozza, u b’dan l-agir kien pogga lil terzi f’periklu.

Skond l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili:-

*“Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b’nuqqas ta’ diligenza, ta’ prudenza jew ta’ hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f’hekk.”*.

Ghal dik li hi kawzalita’ hi rilevanti l-osservazzjoni li ghamel Lord Reid:-

*“One may find that as a matter of history several people have been at fault and that if any one of them had acted properly the accident would not have happened, but that does not mean that the accident must be regarded as having been caused by the faults of all of them. One must discriminate between those faults which must be discarded as being too remote and those which must not. Sometimes it is proper to discard all but one and to regard that one as the sole cause, but in other cases it is proper to regard two or more as having jointly caused the accident. I doubt whether any test can be applied generally.”* (**Stapley v. Gypsum Mines Ltd** – 1953)[21].

Hu fatt li hekk kif il-mutur gie registrat f’isem Camilleri, dan sar responsabbilta’ tieghu rrispettivament jekk kienx inxtara ghalih jew ghal Sultana. Hu kellu jizgura li ma jippermettix tfal taht l-eta’ li jsuqu dan il-mutur. Madankollu Camilleri stess ammetta li l-mutur qatt ma kien fil-pussess tieghu u dakinhar stess li nxtara *“......ghabbejnieh fuq trukk il-mutur u wassalnieh id-dar ta’ Julian Sultana.”* (fol. 131). M’hemmx dubju li Camilleri kiser volontarjament d-dmir impost mil-ligi, tant li ammetta l-akkuzi fil-

[20] Imhallef A. Magri.
[21] *Charlesworth & Percy on Negligence*, R.A. Percy 8 Edizzjoni, Sweet & Maxwell (1990) pagna 390.

procediment kriminali (ara Artikolu 15(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku – Kap. 165). Il-ligi tikkunsidra s-sid bhala l-persuna li f'isimha tohrog licenzja ghall-vettura. Mill-provi rrizulta li l-mutur kien inxtara xi xahar qabel l-incident. Minn dakinhar sakemm sehh l-incident ghalkemm Camilleri kien registrat mal-awtoritajiet bhala s-sid tal-mutur, ma ghamel xejn sabiex jizgura li l-mutur ma jibqax registrat f'ismu. Camilleri qal li kemm-il darba kien tkellem ma' Sultana biex imorru jaghmlu t-transfer. Jekk ghamel hekk biss, ma kienx bizzejjed u mill-provi rrizulta li Sultana xorta baqa' jaghmel fattieh. Inoltre, ghalkemm Camilleri xehed li ma kienx jaf li Sultana ser isuq il-mutur (fol. 162), irrizulta li fir-realta' kien jaf li Sultana qieghed isuq il-mutur.  F'dan il-kuntest hu rilevanti dak li rrakkonta Camilleri lis-surgent tal-pulizija li nvestiga l-kaz:-

(a) Li kemm-il darba ra lil Sultana jsuq dan il-mutur (fol. 109);
(b) Mistoqsi jekk qattx ra li xi hadd iehor jaghmel uzu minn dan il-mutur, *"huwa qal li dejjem ra lil Julian Sultana."* (fol. 109).

Fil-fehma tal-qorti l-fatt li Camilleri kien jaf li l-mutur qieghed jintuza minn minuri li ma kellu reputazzjoni xejn tajba ghal mod kif kien isuq, ikompli jaghmel iktar prekarja l-posizzjoni tieghu. Camilleri kellu l-obbligu li jiehu azzjoni biex jizgura li bl-agir ta' Sultana haddiehor ma jitpoggiex f'periklu. Bil-fatt li Camilleri accetta li l-mutur jigi registrat f'ismu u wkoll ippermetta li l-mutur ikun fil-pussess ta' Sultana u jinstaq minnu, pogga lil haddiehor f'periklu li jsofri hsara. M'hemmx dubju li kieku l-mutur Yamaha bin-numru FAU549 baqa' taht il-kontroll ta' Camilleri jew ha l-passi mehtiega sabiex jizgura li Sultana ma setax jaghmel uzu minnu (ezempju li jehodlu c-cavetta), l-incident b'dan il-mutur qatt ma kien isehh. F'dan il-kuntest hi rilevanti l-osservazzjoni tal-awtur Richard A Buckley dwar l-element ta' *causation*: *"The plaintiff must show, on the balance of probabilities, not only that the defendant was careless, but also that the carlessness caused, **or helped to cause**, the injury or damage for which he claims."* (enfazi

mizjuda)[22]. Dan apparti l-fatt li mill-provi l-qorti m'hijiex sodisfatta li rrizulta li fiz-zmien li sehh l-incident Sultana kellu ghad-disposizzjoni tieghu l-uzu ta' xi mutur iehor, cjoe' kellu l-ghazla liema mutur juza. Il-qorti ma tistax taqbel mal-argument ta' Camilleri li, *"....kieku dakinhar Sultana ma kienx qed isuq dan il-mutur, huwa kien certament ikun qed isuq xi mutur iehor u l-incident kien isehh xorta wahda."* (fol. 315) in kwantu din hi asserzjoni gratuwita ghaliex m'hijiex sorretta minn provi. Il-qorti m'hijiex moralment konvinta li mill-provi li tressqu rrizulta li anke kieku ma kienx hemm l-intervent ta' Camilleri, il-hsara kienet xorta ssehh. Il-fatt li Camilleri xehed li fil-pussess tieghu zamm il-log book tal-mutur (fol. 162), ma jfisser xejn ghaliex dan ma kienx ta' xkiel ghal Sultana li jsuq il-mutur. Inoltre, minkejja li Camilleri qal li ghamel hekk bhala pjacir lil Sultana sabiex seta' jsir in-negozju, ma jfissirx li b'daqshekk jista' jfarfar ir-responsabbilta' minn fuq spallejh. Hekk kif accetta li jaghmel dan "il-pjacir", assuma fuqu dmirijiet li ma jistax jahrab minnhom. Dan apparti l-fatt li l-qorti hi moralment konvinta li Camilleri, li ammetta li kien ikun fil-kumpannija ta' dan il-grupp ta' zghazagh, kien jaf li Sultana jsuq b'mod perikoluz u ma kellu l-ebda rispett ghar-regolamenti tat-traffiku. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li l-mutur kien qieghed fil-pussess u jinstaq minn tifel taht l-eta', li ghalkemm midhla tal-muturi l-eta tenera tieghu ssarraf f'nuqqas ta' esperjenza. Ghal Camilleri kien prevedibbli li Sultana jista' jaghmel uzu mill-mutur b'mod hazin u bi hsara ghal terzi meta kien ghadu taht l-eta'. **Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz** il-qorti temmen li Camilleri ghandu responsabbilta. Min-naha l-ohra pero' ghall-qorti, ir-responsabbilta' ta' Sultana hi hafna iktar minn dik ta' Camilleri ghaliex kien hu li saq il-mutur dakinhar li sehh l-incident fatali u kien is-sewqan negligenti tieghu li ta lok ghall-incident. Wara li l-qorti qieset ic-cirkostanzi hi tal-fehma li Camilleri ghandu jgorr 20% responsabbilta' tal-hsara, b'dan li b'applikazzjoni tal-Artikolu 1050(2) tal-Kodici Civili l-kundanna ghall-hlas tas-somma kollha bejn il-konvenuti ghandha tkun *in solidum*.

[22] *Buckley, The Law of Negligence*, Richard A. Buckley (Butterworths, 2005) pagna 53.

6. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, l-atturi qeghdin jirreklamaw is-somma ta' €1,830. 88 spejjez relatati mal-funeral u difna. Il-qorti hi propensa li takkorda dawn id-danni. Hu fatt li xi darba jew ohra l-mewt ser tolqot lil kullhadd, pero l-ispejjez tal-funeral saru b'konsegwenza diretta tal-incident. Fi zmien meta grat il-mewt kellhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez il-genituri tal-vittma u ghalhekk il-qorti tikkonkludi li ghandhom dritt ghar-rimbors.

Ma jirrizultax li l-vittma kellu xi mpjieg fiss ghalkemm ta' 16 il-sena ma komplix l-iskola. Irrizulta li l-minuri kien ighin lil missieru, u tax-xoghol li kien jaghmel kien jaghtih xi flus. Ghalkemm missieru qal li sakemm sehh l-incident it-tifel tieghu kien faddal €3,494 fil-bank u €1,397 id-dar, mill-provi ma rrizultax li l-vittma kien registrat ghax-xoghol u lanqas li kellu xi introjtu regolari u fiss. Il-konvenuti jsostnu li l-kalkoli ghandhom isiru fuq il-paga minima nazzjonali applikabbli ghas-sena 2006 li kienet ta' €134.82 fil-gimgha (€7,010.64 fis-sena). Min-naha l-ohra l-aturi jippretendu li d-dhul kien ta' €16,305.61 fis-sena. Ghalkemm m'hemmx provi li juru li l-vittma, minghajr ebda kwalifiki, kien ser ikollu dan it-tip ta' dhul, min-naha l-ohra l-qorti temmen li m'ghandix taghmel il-kalkoli fuq il-paga minima nazzjonali. Jirrizulta li l-vittma kien qieghed jaghmel xoghol ma' missieru ta' kisi u tibjid u wiehed jistenna li biz-zmien kien ser ikollu dhul iktar minn paga minima. Ghalhekk il-kalkoli ser isiru fuq qligh ta' €10,000 fis-sena.

Ghal dak li hu multiplier, mehud in konsiderazzjoni l-eta' tenera tal-vittma l-qorti tqies li ghandha taghmel il-kalkoli fuq perjodu ta' hamsa u tletin (35) sena.

Inoltre, meqjus li ghadhom m'ghaddewx tlett (3) snin mid-data tal-incident, il-qorti tqies li ghandu jsir tnaqqis ta' 20%.

Wara li l-qorti qieset ukoll sentenzi tal-Qorti tal-Appell fuq likwidazzjoni ta' danni f'kaz ta' mewt, tqies li ghandu jsir ukoll tnaqqis ta' 25% minhabba dak li hu maghruf bhala *"own consumption"* u 35% minhabba *"degree of*

*dependency”*. F’dan ir-rigward sal-lum ghad ma kienx hemm tibdil mill-Qorti tal-Appell dwar it-tnaqqis li ghandu jsir fil-kaz ta’ mewt. Ma jirrizultax li fiz-zmien li sehh l-incident l-atturi kienu dipendenti fuq il-vittma u anzi rrizulta li kien ghadu jghix mal-genituri u hutu. Inoltre, wiehed kien jistenna li fil-futur kien ser jiehu l-istat tieghu.

**€10,000 x 35 sena – 20% - 25% - 35% - 5% = €129,675**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tilqa’ l-ewwel eccezzjoni ta’ Joseph Scerri u ghalhekk tichad it-talbiet tal-atturi in kwantu dawn jirreferu ghalih. Spejjez ta’ dan il-konvenut a karigu tal-atturi.**

**2. Tichad l-eccezzjonijiet ta’ Julian Sultana u Anglu u Josephine konjugi Sultana u ta’ Kevin Camilleri, u tilqa’ t-talbiet kollha tal-atturi kontra dawn il-konvenuti bil-kwalifiki li saru hawn fuq. Tillikwida d-danni fis-somma ta’ mija u wiehed u tletin elf hames mija u sitt ewro (€131,506) u b’applikazzjoni tal-Artikolu 1050(2) tal-Kodici Civili tikkundanna lil dawn il-konvenuti sabiex *in solidum* ihallsu lill-atturi din is-somma. Bl-imghax mil-lum u bl-ispejjez kontra dawn il-konvenuti, bl-eccezzjoni ta’ dawk hawn fuq imsemmija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------